



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0335(NLE)

13342/21
ADD 1

MAMA 181
MED 58
AGRI 512
PECHE 398
PA 4
WTO 248

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 651 final
Suġġett:	ANNEX tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 63(1) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 651 final.

Mehmuż: COM(2021) 651 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.10.2021
COM(2021) 651 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 63(1) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra

**DEĊIŻJONI Nru [...] TAL-
KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-PLO
ta' [...]**

dwar l-estensjoni tal-emendi temporanji previsti mill-Punt A tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra

IL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-PLO,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim, dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea minn naħa, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim”), iffirmit Brussell fl-24 ta' Frar 1997, u b'mod partikolari l-Artikolu 63, il-paragrafu 2 tiegħu, u

Wara li kkunsidra l-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdli aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd u li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri”) iffirmit fit-13 ta' April 2011, u b'mod partikolari l-paragrafu 1.(a) tal-punt C tiegħu,

Billi:

1. Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 63 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim jagħti lill-Kumitat Konġunt bejn l-Unjoni Ewropea u l-PLO (“il-Kumitat Konġunt”) is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim kif ukoll f'każijiet oħra meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim.
2. Il-paragrafu 1(a) tal-punt C tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri jipprevedi li l-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi dwar estensjoni tal-emendi temporanji previsti fil-Punt A tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri.
3. L-iskadenza għall-adozzjoni ta' tali deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt ġie ffissat biex jippermetti lill-operaturi jadattaw ruħhom għas-sitwazzjoni l-għdida u ma taffettwax is-setgħat tal-Kumitat Konġunt bħala tali. Fl-2020, iż-żewġ Partijiet kienu diġà indikaw l-intenzjoni tagħhom li jkomplu bl-emendi temporanji għal perjodu ieħor ta' għaxar snin.
4. L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt jipprevedi l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-emendi temporanji previsti fil-Punt A tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdi aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd u li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, għandu japplika għal perjodu addizzjonali ta' għaxar snin.

Artikolu 2

1. Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effetti legali mill-jum tal-adozzjoni u għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2022 [l-ewwel jum wara d-data tat-tmiem tal-miżura temporanja inizjali].
2. Din id-Deċiżjoni għandha titfassal fil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet fil-Ftehim, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

Magħmul fi [...]

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President